# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 219/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Luke Sciberras**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2018

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Luke Sciberras, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 434989M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Marzu 2015 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu (02:00am) f'dawn il-gzejjer:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita [*recte*: offiza] ta' natura gravi fil-gisem ta' Jeremy Farrugia;

2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 t' April, 2016 li biha sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' Luke Sciberras, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar,** tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija, jew alternattivament **tvarja** s-sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena inflitta fuq l-appellant;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bis-segwenti gravami li in sintesi huma li l-offizi sofferti minn Jeremy Farrugia ma kienux jikkwalifikaw bhala offiza gravi; li l-ewwel Qorti ghazlet verzjoni minn ohra fuq il-premessa li l-appellant kien ghazel li ma jixhidx; li x-xhieda tal-prosekuzzjoni ma kienux kredibbli;u bl-ahhar aggravju dedikat ghall-piena erogata li hu iqis bhala sproporzjonata;

2. Illi minn ezami tal-atti processwali, jemergi illi fis-sieghat bikrin tal-jum tat-2 ta' Marzu, 2015, Jeremy Farrugia kien qieghed Paceville flimkien ma' hbieb tieghu lesti biex imorru lejn darhom wara li waqqfu jixtru x'jieklu. Fis-siegha u l-hin tfacca l-appellant li ta daqqa f'ras Farrugia u malli dar tah daqqa ohra fuq il-parti frontali ta' rasu (right forehead) bir-rizultanti lacerazzjoni ta' centimetru u nofs. Fir-rakkont tal-fatti mill-ewwel Qorti hemm referenza ghall-argument bejn it-tnejn li eskala tant li gew fl-idejn. Mill-provi akkolta ma jirrizultax li kien hemm xi argument precedenti l-incident u li l-argument qam wara li Farrugia qala z-zewg daqqiet minghand l-appellant;

3. Issa, fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi la darba il-lacerazzjoni ma kienitx tirrikjedi suturi u la darba din halliet marka li tidher biss f'distanza ravvicinata, allura l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija ta' offiza gravi fit-termini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Huwa minnu illi t-tabib li kien iccertifika l-offiza xehed diversi xhur wara meta allura kellu l-opportunita jerga' jezamina lill-Farrugia seduta stante u seta' jikkonstata li l-offiza halliet marka fuq wicc Farrugia vizibbli biss minn distanza ravvicinata u ghaliex jaf fejn kienet originarjament. Huwa minnu ukoll illi waqt id-deposizzjoni tal-istess tabib l-ewwel Qorti irrimarkat illi minn tlett metri boghod ma setghetx tara cikkatrici. Dan, izda, ma jfissirx illi ma setghax jinkwadra r-reat ipotizzat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali;

4. In sostenn tal-ilment tieghu, l-appellant iccita sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Desmond Falzon** tat-28 ta' Marzu 2008. Dik is-sentenza, izda, tinsenja proprju l-oppost ta' dak prospettat mill-appellant u tassoda l-konvinciment li s-sentenza tal-ewwel Qorti kienet radikata minn applikazzjoni korretta tal-ligi.

5. L-artikolu 216 (1) (b) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi l-offiza fuq il-persuna hija gravi, jekk, iggib <u>mankament</u> jew <u>sfregju</u> fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. Is-

sentenza li ghaliha ghamel referenza l-appellant ticcita dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:

> **B'mankament ... fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci *notevole o complessivo, o per l-entitia' della aterazjoni stess, o per l-espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-posizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.**

6. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Settembru 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli** kien ritenut hekk:

> **L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex**

**mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi u permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammontaw ghall-offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."**

7. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jew 218. Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza thalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. Fi kliem iehor, fil-kodici penali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma

tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret referenza ghal-diversi sentenzi ohra fosthom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

8. Fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti emmnet il-verzjoni tal-parte civile minhabba l-fatt li l-imputat ma kkontradixxa bl-ebda mod din il-verzjoni billi ghazel li ma jixhedx. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. Huwa fatt illi l-imputat ghazel illi ma jixhidx u l-ewwel Qorti rregistrat dan bhala parti mill-iter processwali sabiex jidher illi kellha biss quddiemha il-verzjoni tal-parte civile. Ghalkemm ma kienitx strettament korretta l-ewwel Qorti meta qalet li ix-xhieda prodotti kollha kkonfermaw li kien hemm glieda bejn Farrugia u l-imputat, ghaliex effettivament l-glieda sehhet wara li l-imputat ta z-zewg daqqiet fuq ras il-parte civile, ix-xhieda prodotti kienu vuci wahda meta qalu li l-imputat tfacca minn imkien u xejjer id-daqqiet f'ras il-parte civile. Il-verzjoni ta' Jeremy Farrugia kienet korroborata b'dik tax-xhieda l-ohra u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet libera li tikkonkludi kif ghamlet fl-assjem ta' dawk il-provi;

9. Fit-tielet aggravju l-appellant jillanja il-kredibilita' tax-xhieda li skond hu tkellmu b'supposizzjonijiet. Minn ezami akkurat tad-deposizzjonijiet in atti jemergi illi kien hemm min ikkonkluda li l-imputat kellu xi haga iebsa f'idu biex fetah wicc l-parte civile b'dak il-mod izda kienet opinjoni li meta mistoqsija

in kontro-ezami kkoncedew ossia ikkoregew ruhhom li ma kienux jafu ezatt x'kellu f'idu l-appellant. Il-konkluzzjoni tax-xhieda li l-imputat kellu xi haga iebsa f'idejh meta ta t-tieni daqqa f'wicc il-parte civile ma tirrendix b'daqshekk id-deposizzjoni taghhom wahda inveritiera. Din kienet biss konkluzzjoni taghhom meta raw il-qasma u d-demm f'wicc il-parte civile. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

10. L-appellant jilmenta ukoll mill-piena erogata mill-ewwel Qorti bhala wahda sproporzjonata ghall-fatti speci ta' dan il-kaz. Dwar dan, tajjeb li *in primis* ikun affermat il-principju illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015. L-appellant jargumenta illi huwa ghandu fedina penali netta li prezumibilment ried ifisser fedina penali nadifa. Madankollu, l-ewwel Qorti qieset il-gravita' tar-reat li tieghu instab hati l-imputat u certament kienet motivata mill-fatt li zaghzugh qed jiddeverti ma' shabu u lest biex jirrinkaza sab ruhu ghall-ebda raguni f'cirkostanzi fejn spicca b'offiza fuq persuntu. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud u t-terminu ta' sitt xhur sospensjoni tas-sentenza ta' prigunerija jibda jiddekorri mil-lum. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega lill-appellant fi kliem li jifhem l-effetti tas-sentenza sospiza ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.